**FIL-QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**
**BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI**

**MAGISTRAT NATASHA GALEA SCIBERRAS B.A., LL.D.**

**Kawza Nru: 317/2010**

**Illum: 4 ta' Dicembru 2015**

**Il-Pulizija**
**(Spettur Johann J. Fenech)**

**vs**

**Jonathan Farrugia**
**(ID 239888(M))**

Il-Qorti,

Wara li rat l-imputazzjonijiet migjuba fil-konfront tal-imputat Jonathan Farrugia ta' 22 sena, Raymond Alfred u Mary Grace nee` Fava, imwieled il-Pieta` nhar is-17 ta' Mejju 1988, residenti Schembri, Flat 9, Triq San Edwardu, Birzebbugia u detentur tal-karta tal-identita` bin-numru 239888(M);

Akkuzat talli f'dawn il-Gzejjer f'xi zmien matul is-sena 2009:

1. Forna jew ipprokura jew offra li jforni jew li jipprokura d-droga kokaina specifikata fl-ewwel Skeda tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi Kap. 101 tal-Ligijiet ta' Malta lill-persuna jew persuni jew ghall-uzu ta' persuna/i minghajr ma kellu licenzja mill-President ta' Malta u minghajr ma kien awtorizzat bir-regoli tal-1939 ghall-Kontroll Intern tad-Drogi Perikoluzi (G.N. 292/1939), jew minn xi awtorita` moghtija mill-President ta' Malta li

jforni d-droga u minghajr ma kien fil-pussess ta' awtorizzazzjoni ghall-importazzjoni jew ghall-esportazzjoni mahruga mit-Tabib Principali tal-Gvern, skond id-disposizzjonijiet tas-sitt Taqsima tal-Ordinanza msemmija, u minghajr ma kellu licenzja jew kien xort'ohra awtorizzat li jimmanifattura jew iforni d-droga msemmija u minghajr ma kellu licenzja li jipprokura l-istess droga, u dan bi ksur tar-regolament 4 tar-Regoli tal-1939 ghall-Kontroll Intern tad-Drogi Perikoluzi (GN 292/1939), kif sussegwentement emendati u bi ksur tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi, Kap 101 tal-Ligijiet ta' Malta;

2. Kellu fil-pussess tieghu r-raza mehuda mill-pjanta *cannabis* jew xi preparazzjonijiet li jkollhom bhala bazi din ir-raza u dan bi ksur tal-artikolu 8(a) tal-Kap. 101 tal-Ligijiet ta' Malta;

3. Kellu fil-pussess tieghu l-pjanta *cannabis* kollha jew bicca minnha u dan bi ksur tal-artikolu 8(d) tal-Kap. 101 tal-Ligijiet ta' Malta;

U b'zieda awtorizzata b'digriet tal-Qorti tat-3 ta' Dicembru 2012, aktar talli f'dawn il-Gzejjer f'Mejju 2010 u x-xhur ta' qabel:

4. Kellu fil-pussess tieghu d-droga kokaina, specifikata fl-ewwel skeda tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi, Kap. 101 tal-Ligijiet ta' Malta meta ma kienx fil-pussess ta' awtorizzazzjoni ghall-importazzjoni jew ghall-esportazzjoni mahrug mit-Tabib Principali tal-Gvern, skond id-disposizzjonijiet tar-4 u s-6 Taqsima tal-Ordinanza u meta ma kienx bil-licenzja jew kien xort'ohra awtorizzat li jimmanifattura jew iforni d-droga msemmija u meta ma kienx b'xi mod iehor bil-licenzja mill-President ta' Malta li jkollu d-droga msemmija fil-pussess tieghu u naqas li jipprova li d-droga msemmija giet fornuta lilu ghall-uzu tieghu skond ir-ricetta kif provdut fir-Regolamenti msemmija u dan bi ksur tar-regoli tal-1939 dwar il-Kontroll Intern tad-Drogi Perikoluzi (GN 292/1939), kif sussegwentement emendati u bi ksur tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi, Kap 101 tal-Ligijiet ta' Malta.

Il-Qorti giet mitluba sabiex barra milli tapplika l-piena skond il-ligi, tordna lill-imputat ihallas l-ispejjez li ghandhom x'jaqsmu mal-hatra tal-esperti skond l-artikolu 533 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat l-atti kollha tal-kaz u d-dokumenti ezebiti, inkluz l-ordni tal-Avukat Generali ai termini tal-Artikolu 22(2) tal-Kapitolu 101 tal-Ligijiet ta' Malta, sabiex din il-kawza tinstema' minn din il-Qorti bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali;

Rat ukoll illi fis-seduta tat-13 ta' Ottubru 2014, il-partijiet iddikjaraw illi kienu qeghdin jezentaw lill-Qorti kif preseduta, milli terga' tisma' l-provi mressqa sa dakinhar, quddiem il-Qorti kif diversament preseduta;

Semghet lill-partijiet jiddikjaraw li kienu qeghdin jirrimettu ruhhom ghall-provi mressqa.

**Ikkunsidrat:**

**<u>Kunsiderazzjonijiet dwar Htija</u>**

Illi l-fatti fil-qosor li taw lok ghal dan il-kaz kienu s-segwenti: Nhar it-12 ta' Settembru 2009, certu Tarquin Vella irrilaxxja stqarrija lill-Pulizija, wara li gie arrestat in konnessjoni ma' reati li jinvolvu d-droga. L-istess Vella ikkonferma din l-istqarrija tieghu bil-gurament quddiem il-Magistrat Inkwirenti, Dr. Michael Mallia, nhar l-14 ta' Settembru 2009. F'din l-istqarrija, Vella indika lill-imputat odjern bhala l-persuna li f'okkazzjoni partikolari f'Awwissu tal-istess sena, fornieh bi gramma kokajina. Sussegwentement, fit-22 ta' Mejju 2010, saret tfittxija gewwa r-residenza tal-imputat, fil-presenza tieghu.

Mix-xhieda ta' **PS 1174 Adrian Sciberras**[1], jirrizulta illi waqt din it-tfittxija, mill-kamra tas-sodda tal-imputat, gew elevati hafna boroz tal-*plastic* bil-kantunieri nieqsa u mid-*dustbin* gew elevati wkoll kantunieri tal-boroz bi trab abjad suspettat droga. Mill-pussess tal-imputat gew elevati wkoll zewg *mobile phones*, somma ta' flus li kienet tammonta ghal madwar tmien mitt Euro (€800) u karta tal-hamsin Euro (€50) li kienet suspettata falza.

Mir-relazzjoni tal-espert, **ix-Xjenzat Godwin Sammut**[2], jirrizulta illi d-dokumenti li gew mghoddija lilu ghall-analizi kienu s-segwenti:

1. Borza tal-plastik trasparenti li fiha: (i) karta bil-kliem Data 22/05/10 Hin 14.30 Elevat/i minn Flt 16 Blk C Hsg Est. B'Bugia Kexxun tal-unit tat-T.V. tal-kamra tieghu fil-presenza ta' Jonathan Farrugia minn PS 1174, PC 230

[1] A fol. 15 *et seq* tal-process.
[2] A fol. 22 *et seq* tal-process.

(ii) boroz tal-plastik trasparenti vojta u (iii) landa ta’ Fosters Clarke bil-kliem *baking powder* li fih trab ta’ lewn abjad;

2. Borza tal-plastik trasparenti li fiha: (i) karta bil-kliem Data 22/05/10 Hin 14.30 Elevat/i minn Flt 16 Blk C Hsg Est. Dustbin gol-kamra tieghu, fil-presenza ta’ Jonathan Farrugia minn PS 1174, PC 230 u (ii) boroz tal-plastik trasparenti vojta;

3. Borza tal-plastik trasparenti li fiha zewg *mobiles*.

Dawn gew moghtija l-Kodici tal-Laboratorju 109_12_01. Jirrizulta wkoll mill-istess relazzjoni illi l-espert ghamel ezamijiet ghall-prezenza ta’ droga fuq estratt mehud mit-trab ta’ lewn abjad u fuq *swab* mehuda minn borza li kien hemm fid-dokument.

Jirrizulta mill-konkluzjonijiet tal-istess espert illi:

a) Fl-estratti mehuda mit-trab ta’ lewn abjad li hemm fid-dokument 109_12_01 ma nstabitx droga;

b) Fuq *swab* mehuda minn wahda mill-boroz li hemm fid-dokument 109_12_01 instabet is-sustanza Kokaina. Din is-sustanza hija kkontrollata bil-ligi taht l-Ewwel Skeda Taqsima I tal-Kap. 101 tal-Ligijiet ta’ Malta [sottolinear tal-Qorti].

Kif inghad, certu Tarquin Vella irrilaxxja stqarrija li giet sussegwentement ikkonfermata minnu bil-gurament fl-14 ta’ Settembru 2009, f’liema stqarrija huwa indika lill-imputat odjern bhala l-persuna li kien bieghlu gramma kokaina f’Awwissu tal-istess sena.

Fl-istess stqarrija li ggib id-data tat-12 ta’ Settembru 2009[3], Vella qal illi la kien jahdem u lanqas jirregistra u li jghix m’ommu gewwa Birzebbugia. Mistoqsi ghandux il-vizzju tad-droga, huwa qal li jpejjep il-haxixa ossia ir-raza tal-*cannabis* u li kien ilu jpejjipha tliet snin. Mistoqsi kemm kien ippejjep ta’ spiss, jghid illi fil-maggor parti fil-*weekends* u li kien ipejjep bicca ta’ €12 bejn il-Gimgha u s-Sibt. L-ahhar li pejjep il-*cannabis* kien tliet xhur qabel meta waqaf mix-xoghol. Mistoqsi jekk gieli hax tip ta’ droga ohra, huwa jghid illi sniffja gramma kokaina fil-gimgha tal-festa ta’ Birzebbugia f’Awwissu li ghadda u li l-ahhar li ha l-kokaina

[3] A fol. 5 tal-process verbal esebit a fol. 8 tal-process.

kien dakinhar tal-festa. Skond hu, il-haxixa kien jixtriha minghand wiehed Gharbi jismu Mohammed, izda ma kien jaf xejn izjed fuqu, hlief li nqabad xi darba bid-droga u stupru ta' tfajla u minn dakinhar ma rahx izjed. Muri ritratt ta' persuna ta' sess maskili ta' nazzjonalita` Gharbija, huwa jghid li ma jafux. Dwar il-kokaina, huwa jghid illi kien xtara gramma kokaina dakinhar fil-festa minghand wiehed jghidulu 'Ganni ta' Nina'. Vella jghid illi dan jismu Jonathan, ghandu fuq 20 sena, joqghod fil-*flats* tal-Gvern gewwa Birzebbugia, ghandu vettura tal-ghamla Volkswagen Bora ta' kulur griz, ghandu zewg tpingijiet fuq drieghu u n-numru tal-*mobile* tieghu – 7995 6298 - kien issejvjat fuq il-*mobile* tieghu (ta' Vella) bhala 'Ganni ta' Nina'.

Mistoqsi dwar il-messaggi li nstabu fuq il-*mobile* tieghu (ta' Vella) fosthom minghand certu 'Comba' fejn dan staqsieh ghal sigarett u jekk b'dan riedx ifisser *joint*, Vella wiegeb fl-affermattiv u kkonferma li din il-persuna kienet taf li huwa jkollu jew li kien ikollu l-haxixa. Meta gie ssuggerit lilu illi la darba dan staqsieh ghal *joint*, dan kien jaf ukoll illi huwa gieli qasam jew biegh *joints*, huwa wiegeb ukoll fl-affermattiv u mistoqsi meta kienet l-ahhar darba li biegh jew qasam *joint*, huwa wiegeb illi kien fuq tliet xhur qabel zgur, izda ma kienx jaf ma' min qasmu. Jghid illi huwa kien jaqsam *joint* ma' min jigi. Sussegwentement fl-14 ta' Settembru 2009, huwa kkonferma din l-istqarrija bil-gurament tieghu u zied illi huwa kien hallas €70 ghall-gramma kokaina li xtara minghand Ganni ta' Nina.

Fix-xhieda tieghu quddiem din il-Qorti kif diversament preseduta[4], imbaghad, mistoqsi jekk jafx lill-imputat, Vella jghid illi huwa jafu minn Birzebbugia, li kienu ltaqghu l-venda bhala grupp ta' zghazagh u kien saru hbieb minn hemm. Kien ilu jafu xi erba' jew hames snin. Mistoqsi jekk jiftakarx li kien irrilaxxja stqarrija fl-ufficcju tal-Ufficjal Prosekutur u x'kien qal f'dik l-istqarrija, ix-xhud wiegeb "*ma niftakarx ta*"[5] u wara jghid li ma jafx x'kien qal fis-sena 2009. Ghall-mistoqsija jekk kienx jiftakar li kkonferma l-istqarrija tieghu bil-gurament quddiem Magistrat, wiegeb fl-affermattiv. Sussegwentement, huwa jghid illi kien jghix Birzebbugia ma' ommu xi tliet snin u nofs qabel u li qabel kellu l-vizzju tad-droga ghaliex kien juza l-haxixa. Jghid illi qatt ma uza droga ohra apparti l-haxixa. Mistoqsi kemm kien ipejjep, huwa jghid illi dan kien jiddependi mill-*pressure* u li ma kienx ipejjep b'mod regolari. Gieli ma kien ipejjep xejn. Jghid li nesa kemm kien ihallas ghall-haxixa u wara jghid "*ghax jiena ma kontx nixtri, jiena fhimt*".[6] Ma jiftakarx minghand min kien jixtri din id-droga ghax ilu mis-sena 2009, izda jghid li kien jixtriha barra minn Birzebbugia. Mistoqsi jafx xi persuna ta'

---

[4] A fol. 33 *et seq* tal-process.
[5] A fol. 34 tal-process.
[6] A fol. 37 tal-process.

nazzjonalita` Gharbija, jghid illi ghandu hafna hbieb, izda sempliciment fuq xoghol. Mistoqsi kienx xtara d-droga xi darba waqt il-festa, huwa jwiegeb "*No, ili ma ninzel il-festa ta' Birzebbugia jien ghomor*"[7] u meta ngibditlu l-attenzjoni li l-mistoqsija ma kinitx tirreferi ghall-prezent, huwa jerga' jwiegeb fin-negattiv u jghid illi ilu ma jinzel il-festa – "*Nahseb mit-2008 ili ma ninzel*".[8] Mistoqsi jekk kienx jaf bl-amment in-numru tal-*mobile* tal-imputat, huwa jghid illi kien jafu meta kienu hbieb. Dwar il-karozza li kien isuq l-imputat, jghid illi m'ghandux idea. Wara mistoqsi kienx jiftakar li rrilaxxja stqarrija lill-Ispettur Fenech, jghid illi dik jiftakarha, izda ma jiftakarx li wara kien ikkonfermaha bil-gurament quddiem Magistrat. Meta gie mwissi mill-Qorti li kien qieghed bil-gurament u li anke quddiem il-Magistrat Inkwirenti kien bil-gurament u waqt li kienet qeghda tinqralu l-istqarrija, specifikatament dik il-parti dwar il-messagg minghand certu 'Comba' u jekk kienx jaqbel li b'hekk dan ried ifisser *joint*, fejn fl-istqarrija tieghu huwa kien ikkonferma dan, Vella jghid "*No, mhux vera*".[9] Sussegwentement wara li nqratlu l-istqarrija kollha u mistoqsi jekk kienx qieghed jikkonfermaha bil-gurament, huwa jghid illi "*mhux kollu*"[10] u dan b'referenza ghal dik il-parti tas-sigarett tac-'Comba' u l-parti dwar Jonathan, ghaliex ma kienx minnu li huwa qal hekk. L-imputat baqa' jichad li huwa qal dan il-kliem u li affarijiet hekk ma kienx ser jinsihom zgur, li huwa lanqas jiftakar li deher quddiem il-Magistrat Inkwirenti, u meta gie muri l-firem a fol. 5 tal-process verbal, jikkonferma li wahda hija tieghu – il-kbira – imma z-zghira ma kinitx il-firma tieghu ghaliex "*kollha naghmilha jien sa fuq it-T u mhux sa mal-V*"[11] u baqa' jinsisti li huwa ma jafx li deher quddiem dak il-Magistrat. Mistoqsi mill-Qorti jekk allura l-Magistrat kienx ivvinta dak li hemm miktub, baqa' jinsisti illi huwa dejjem deher quddiem il-Qorti kif preseduta fiz-zmien tax-xhieda tieghu, li huwa qatt ma rah lill-Magistrat Inkwirenti, li lanqas jaf li deher quddiemu u li ma jafx min hu l-Magistrat Mallia. Jghid illi whud mill-affarijiet li qal lill-Ispettur kienu minnhom, izda mhux dawk dwar is-sigarett u dwar l-imputat u ghalkemm il-Qorti staqsietu jekk allura l-affarijiet kollha mnizzlin dwar l-imputat bhad-deskrizzjoni tal-vettura tieghu u n-numru tal-*mobile* kienx ivvintahom l-Ispettur jew il-Magistrat, rega' wiegeb "*Ta' Ganni xejn, ta' Jonathan*".[12] Jghid illi l-firem fin-naha ta' fuq tal-istqarrija kien qed jaghrafhom bhala tieghu, izda tan-naha ta' taht le.

L-imputat irrilaxxja stqarrija nhar l-24 ta' Mejju 2010 u dan wara li nghata s-solita twissija li m'huwiex obbligat li jitkellem sakemm ma jkunx jixtieq jaghmel dan,

---

[7] A fol. 38 tal-process.
[8] A fol. 38 tal-process.
[9] A fol. 40 tal-process.
[10] A fol. 40 tal-process.
[11] A fol. 42 tal-process.
[12] A fol. 43 tal-process.

izda dak li jghid jista' jingieb bi prova u wara li nghata d-dritt li jikkonsulta ma' avukat, liema dritt huwa ghazel li ma jezercitahx.[13] Mistoqsi jahdimx, l-imputat jghid illi huwa sajjied fuq il-bahar u li m'ghandux laqmijiet. Meta gie ssugerit lilu illi gieli jsejjhulu 'Ganni ta' Nina', huwa wiegeb li gieli jsejjhulu hekk u anke 'Ganni ta' Beccuna'. Jghid illi huwa jghix ma' ommu u li gharus lil wahda Maria li kien ilu maghha xi erba' snin. Jghid illi ma jsuqx, izda jikkonferma li ghandu Volkswagen Bora ta' kulur griz. Din xtrathielu l-kunjata, ghadu qed ihallasha bil-mod u fadallu jhallas xi €7,000. Mistoqsi kemm jaqla' paga fix-xahar, huwa jghid li dan jiddependi minn kemm johorgu fuq il-bahar, mit-temp u kemm jaqbdu hut u jghid li l-inqas li jaqbad €1,000 fix-xahar. Ikkonferma li s-Sibt ta' qabel, il-Pulizija ghamlu tfittxija fir-residenza tieghu u jikkonferma li waqt din it-tfittixija instabu zewg *mobile phones*, is-somma ta' €805, €50 falza, xi pakketti tal-plastik zghar trasparenti, xi kantunieri maqtughin minn boroz tal-plastik trasparenti u boroz tal-plastik bil-kantunieri maqtughin u jghid illi wiehed mill-*mobiles* ma jahdimx, ghaliex wara xi gimghatejn marlu c-*charger*. Mistoqsi dwar xi messaggi minghand 'iz-Zgaj' u 'Kalos' fuq il-*mobile* Nokia u dwar min huma dawn in-nies, huwa jghid illi liz-'Zgaj' jafu ghaliex jahdem fl-inginerija u jirrangalhom id-dghajjes u lil 'Kalos' jaf wiehed ghadu tifel. Mistoqsi dwar il-messagg fil-*mobile* tieghu mibghut lil 'Kalos' bin-numru '20', huwa jghid li ma bghatlux dak il-messagg u li jahseb li baghtu haddiehor. Mistoqsi jekk joqghodx jaghti l-*mobile* tieghu lin-nies biex icemplu u jibaghtu l-messaggi, jghid illi jekk jistaqsuh, jaghtihulhom. Meta gie indikat lilu illi mill-*phonebook* tal-istess *mobile*, jidher illi huwa gieli ghamel kuntatt ma' 'Kalos', jghid illi jekk cempillu haddiehor, mhux hu ghax diga` kien qal li ma kienx jafu. Mistoqsi jekk gieli bghatx xi messaggi mill-*mobile* tieghu, huwa wiegeb li ma jafx jaqra jew jikteb u ghalhekk ma jibghatx messaggi. Mistoqsi dwar il-flus li nstabu fil-pussess tieghu ossia s-sommat ta' €805, l-imputat jghid illi huwa jzomm il-flus id-dar u mistoqsi dwar x'kienu qeghdin jaghmlu ghandu l-kantunieri tal-plastik li nstabu fil-pussess tieghu, huwa jwiegeb "*Ma nafx*".[14] Meta gie ssuggerit lilu illi kantuniera minnhom kienet imcappsa bit-trab, huwa jghid li jista' jkun u li hu kien jaf bil-pakkett. Wara jghid li ma kienx jaf li kien hemm kantunieri mcappsin. Dwar il-pakkett imcappas b'xi sustanza, huwa jghid li dan kien imcappas bil-medicina tas-serduk u li din kienet medicina ghat-tharhir u vitamini li jhallatha bl-ilma. Jghid li din jixtriha f'borza tal-plastik u tkun f'forma ta' trab. Jikkonferma li medicina ma nstabitx fid-dar, izda jghid ukoll "*Pero` suppost ghad hemm naqa*".[15] Meta gie ssuggerit lilu illi fil-jum ta' qabel huwa qal li l-medicina kienet spiccatlu erbat ijiem ilu, huwa ma wegibx. Mistoqsi dwar il-boroz maqtughin li nstabu u jekk dawn qattaghhomx hu,

---

[13] Din l-istqarrija tinsab esebita a fol. 12 *et seq* tal-process.
[14] A fol. 13 tal-process.
[15] A fol. 13 tal-process.

ma wegibx. Meta gie ssuggerit lilu illi huwa kien qal illi l-kantunieri tal-plastik li nstabu fid-dar qaghdet tqattaghhom it-tifla tieghu mill-boroz, ma wegibx lanqas u meta gie ssuggerit lilu illi t-tifla tieghu ghandha biss sentjen u tliet xhur, rega' ma wegibx. Meta gie ssuggerit lilu illi l-kantunieri kien jippreparahom biex ibiegh id-droga fihom, huwa wiegeb "*Dak qed tghidu inti*".[16] Mistoqsi jekk gieli hax droga, huwa wiegeb fin-negattiv u meta gie ssuggerit lilu illi huwa kien qal li xi sena qabel kien pejjep *joint*, huwa ma wegibx. L-Ufficjal Investigatur issuggerielu wkoll illi matul is-sena ta' qabel, fil-festa ta' San Pietru, f'Birzebbugia biegh pakkett kokaina bil-prezz ta' €70, ghal-liema domanda l-imputat wiegeb "*Le ma naqblux*".[17] Dwar il-bott tal-*baking soda* misjub fil-kamra tieghu, l-imputat wiegeb li ma kienx jaf bih. Meta rega' gie mistoqsi jekk qatt bieghx droga, l-imputat ma wegibx.

L-imputat ghazel li jixhed f'dawn il-proceduri.[18] Huwa jghid illi fiz-zmien tal-kaz odjern huwa kien jahdem bhala kuntrattur f'xoghol tal-gebel u kien jahdem ukoll bhala sajjied. Bhala sajjied kien jithallas fix-xahar, kien jinghata cirka €1,000 fix-xahar u li jkun fadal kien jircevihom wara, kull xahrjen jew tliet xhur. Jghid illi kellu sehem mill-qabda. Dwar il-kaz odjern, l-imputat jghid illi huwa kien jahdem ma' kuntrattur fix-xoghol tal-gebel u li x-xhud Vella kien dahal jahdem mieghu, izda dan dam biss ftit taz-zmien ghaliex l-imghallem keccieh. Jghid illi huwa nizel Birzebbugia, il-bandli bit-tfal, ra lil Vella u sellimlu, izda Vella dawwar wiccu n-naha l-ohra. L-ghada huwa mar ix-xoghol u habib tieghu qallu li Vella kien qed jahseb li huwa (l-imputat) kien qal xi haga lill-imghallem biex ikeccieh. Huwa cahad li kien qal xi haga lill-imghallem, izda Vella baqa' jdawwar wiccu meta jarah. Dan sehh ftit xhur qabel ma arrestawh il-pulizija – skond hu, lanqas ghaddew xahar u nofs, xahrejn u wara jghid illi kienet kwistjoni ta' ftit gimghat qabel ma gie arrestat, l-izjed xahar u nofs. Huwa cahad li Vella qatt xtara d-droga minghandu u jghid illi fiz-zmien tal-kaz, huwa kien jabbuza mid-droga. Jghid illi lil Vella la qatt bieghlu droga u lanqas qatt ma xtara minghandu u li Vella kien qed jigdeb. Jghid illi ma' Vella gieli ltaqa' l-bandli ta' Birzebbugia u li fiz-zmien tal-kaz, ma tantx kien ilu jafu u jghid illi sar jafu fuq il-lant tax-xoghol. Jghid illi Vella ghamel zmien ma jkellmux, izda l-ahhar li tela' l-Qorti, Vella kellmu hemmhekk. Dwar il-flus li nstabu fil-pussess tieghu, jghid illi xi jumejn qabel, huwa kien ghadu kif thallas rigwardanti x-xoghol tal-bahar, li huwa kien jinghata €1,000 u li jekk mhux sejjer zball, kienu nstabulu xi €815. Dwar il-bott bi trab abjad li fih ma nstabitx droga, l-imputat jghid illi kienu t-tfal li dahhluh fil-kamra tieghu u li dan kienet tuzah l-gharusa biex taghmel xi kejkijiet, pasti u affarijiet

---

[16] A fol. 14 tal-process.
[17] A fol. 14 tal-process.
[18] A fol. 71 *et seq* tal-process.

simili. Jghid ukoll illi dak iz-zmien, huwa kien irabbi xi ghasafar u kellu sustanza tas-serduk ukoll, ghaliex kien joqghod iharhar. Jghid illi huwa minnu illi f'xi zmien, gieli pejjep xi *joint* u li s-sustanza li nstabet fil-pussess tieghu kien xtraha minghand bniedem barrani.

In kontro-ezami, l-imputat jikkonferma dak li jghid in ezami u cioe` illi Vella ghamel stqarrija fil-konfront tieghu bit-tpattija rigwardanti x-xoghol. Jghid illi kienu hbieb fuq ix-xoghol, izda ftit kien jafu lil Vella u jerga' jghid illi habib tieghu qallu li Vella kien qed jahseb li huwa ggagbinah mal-imghallem. Mistoqsi jekk allura ndagax dwar dan u jekk kellimx lil Vella jew lill-imghallem tieghu f'dan ir-rigward, huwa wiegeb "*M'ghidtlu xejn jien, jekk ma ghamilt xejn jiena*"[19] u li huwa pprova jsellem lil Vella, izda dan ma sellimlux u li din grat kemm il-darba. Wara jghid illi lil Vella pprova jkellmu, izda Vella dawwar wiccu. Lil Vella ma qallu xejn imbaghad u lill-imghallem lanqas pprova jkellmu. Jghid illi shabu qalulu li Vella kien qal li kien ser ipattihielu ghaliex hu (l-imputat) kien iggagbinah mal-imghallem. Jghid illi huwa ma kienx iltaqa' ma' Vella fil-festa tar-rahal u li fil-maggor parti, hu dejjem mat-tfal ikun fil-festa. Mistoqsi fejn kien, jghid illi kien mat-tfal, jew fejn il-kazin fuq barra, jew max-xatt fejn ikun hemm il-gugarelli. Meta gie ssugerit lilu illi huwa kien qieghed f'*bar* partikolari fejn kien hemm anke Vella u li kienu ltaqghu hemm, l-imputat wiegeb illi huwa zgur ma jidholx f'*bar* peress illi jkollu t-tfal mieghu. Jghid li Vella ma staqsiehx ghal xi haga u li sa fejn jaf hu, ma staqsiehx ghal xi droga. Jghid illi ma jafx li ra jew kellem lil Vella Birzebbugia, zgur ma kienx gewwa *bar* u lil Vella diga` kien keccieh l-imghallem fiz-zmien tal-festa u ghalhekk Vella diga` ma kienx qed ikellmu dak iz-zmien.

In kontro-ezami, l-Ispettur Fenech[20] jghid illi l-festa ta' Birzebbugia ssir fl-ewwel Hadd ta' Awwissu. Jghid ukoll illi f'kaz separat, Vella jinsab akkuzat bit-traffikar u pussess tar-raza tal-*cannabis,* b'referenza ghal Gunju tas-sena 2009 u bil-pussess tad-droga kokaina b'referenza ghal Awwissu 2009.

**Ikkunsidrat ukoll:**

Il-Qorti ser tghaddi issa biex tezamina l-ewwel imputazzjoni ossia dik li permezz taghha l-imputat gie akkuzat bit-traffikar tad-droga kokaina u dan b'referenza ghal xi zmien matul is-sena 2009.

[19] A fol. 77 tal-process.
[20] A fol. 68 *et seq* tal-process.

F’dan ir-rigward, il-Prosekuzzjoni esebiet l-istqarrija guramentata ta’ Tarquin Vella datata l-14 ta’ Settembru 2009, fejn l-istess Vella indika lill-imputat odjern bhala l-persuna li f’okkazzjoni wahda fil-festa ta’ Birzebbugia tas-sena 2009, kien bieghlu gramma kokaina. Madankollu, fix-xhieda tieghu f’dawn il-proceduri, Vella jinnega li huwa kien qal dan id-diskors fil-konfront tal-imputat odjern. Da parti tieghu, fl-istqarrija rilaxxjata minnu, l-imputat jinnega li huwa biegh xi droga kokaina fil-festa ta’ Birzebbugia tal-imsemmija sena u fix-xhieda tieghu jinnega illi qatt biegh droga lil Vella.

Skond l-Artikolu 638(2) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta’ Malta, f’kull kaz, ix-xhieda ta’ xhud wiehed biss, jekk emmnut minn min ghandu jiggudika fuq il-fatt, hija bizzejjed biex taghmel prova shiha u kompluta minn kollox, daqs kemm kieku l-fatt gie pruvat minn zewg xhieda jew aktar. L-Artikolu 637 imbaghad jiddisponi illi f’kwistjonijiet li jolqtu l-kredibilita` ta’ xhud, ghandu jittiehed qies tal-imgieba, kondotta u karattru tax-xhud, tal-fatt jekk ix-xhieda ghandhiex mis-sewwa, jekk hix konsistenti u ta’ fattizzi ohra tax-xhieda tieghu, jekk dik ix-xhieda hix imsahha minn xhieda ohra u tac-cirkostanzi kollha tal-kaz. Gie imbaghad ritenut illi mhux kull kunflitt fil-provi jwassal necessarjament ghal-liberazzjoni tal-persuna akkuzata, imma l-gudikant irid jara lil min ser jemmen u f’hiex ser jemmnu u ma jemmnux, tenut kont tal-kriterji kontenuti fl-Artikolu 637 appena imsemmija (Qorti tal-Appell Kriminali, **<u>Il-Pulizija vs Joseph Thorne</u>**, deciza fid-9 ta’ Lulju 2003).

In oltre skond l-Artikolu 30 tal-Kap. 101 tal-Ligijiet ta’ Malta, meta persuna tkun xtrat jew xort’ohra kisbet jew akkwistat medicina bi ksur tad-disposizzjonijiet tal-Ordinanza, ix-xhieda ta’ dik il-persuna fi procedimenti kontra l-persuna li minghandha tkun xtrat, kisbet jew akkwistat il-medicina, m’ghandhiex ghalfejn tkun korroborata b’cirkostanzi ohra. Imbaghad skond l-Artikolu 30A tal-Kap. 101, minkejja d-disposizzjonijiet tal-Artikolu 661 tal-Kap. 9, meta xi persuna tkun involuta f’xi reat kontra dik l-Ordinanza, kull dikjarazzjoni maghmula minn dik il-persuna u li tigi konfermata bil-gurament quddiem magistrat, tista tingieb bi prova kontra kull persuna ohra akkuzata b’reat kontra l-imsemmija Ordinanza, kemm il-darba jinstab li dik id-dikjarazzjoni tkun saret jew inghatat volontarjament u ma gietx imgieghla jew mehuda b’theddid jew biza’, jew b’weghdiet jew twebbil ta’ vantaggi.

U kif intqal ukoll fis-sentenza tal-Qorti tal-Appell Kriminali tas-26 ta’ Mejju 2003, fl-ismijiet **<u>Il-Pulizija vs Pierre Gravina</u>**:

"*... meta l-prosekuzzjoni tkun trid taghmel uzu minn dikjarazzjoni guramentata mehuda skond l-imsemmi Artikolu 30A, ir-regola ghandha tkun li min ikun ghamel dik l-istqarrija ghandu jingieb fil-qorti biex l-imputat jew akkuzat ikun jista' jikkontro-ezaminah dwarha. S'intendi, dan ma jfissirx li jekk ix-xhud, meta jigi ezaminat jew kontro-ezaminat, ibiddel jew jirritratta minn dak li jkun qal fid-dikjarazzjoni guramentata, allura dik id-dikjarazzjoni (jew il-parti mibdula jew ritrattata) ma tkunx aktar tista' tittiehed bhala prova kontra l-akkuzat; il-gudikant jista' xorta wahda, wara li jkun sema' lix-xhud, jasal ghall-konkluzzjoni li il-verita` hija dik kontenuta fl-istqarrija guramentata u mhux dak li jkun iddepona fil-qorti x-xhud.*"

Il-Qorti fliet bir-reqqa l-istqarrija kif sussegwentement guramentata minn Tarquin Vella quddiem il-Magistrat Inkwirenti, kif ukoll ix-xhieda moghtija minnu matul dawn il-proceduri u tqis is-segwenti:

Fl-ewwel lok, il-Qorti tinnota li Vella sa mill-bidu nett tax-xhieda tieghu quddiem din il-Qorti kien reticenti ghall-ahhar u zamm l-istess attitudni tista' tghid matul ix-xhieda kollha. Fil-fatt ftit mumenti wara li beda jixhed, Vella mill-ewwel jghid li ma jiftakarx x'kien qal fl-istqarrija tieghu fis-sena 2009. Il-Qorti, kif preseduta, ma kellhiex l-opportunita` li tifli hija stess l-komportament ta' Vella fuq il-pedana tax-xhieda, biss it-traskrizzjoni tax-xhieda tieghu titkellem wahedha u l-kummenti tal-Qorti kif diversament preseduta waqt l-istess xhieda wkoll huma indikattivi ferm tal-komportament tal-istess xhud. Kull ma jghid ix-xhud dwar l-imputat huwa li kien jafu minn Birzebbugia, li kienu ltaqghu l-venda bhala grupp ta' zghazagh u li kienu saru hbieb minn hemm, li kien ilu jafu xi erba' jew hames snin u li meta kienu hbieb kien jaf in-numru tal-*mobile* tieghu bl-amment. Altrimenti kkonferma li kien jghix Birzebbugia ma' ommu u li dak iz-zmien kellu l-vizzju tad-droga ossia tal-haxixa, ghalkemm jghid ukoll illi l-uzu ma kienx wiehed regolari. Dwar il-festa ta' Birzebbugia, wkoll jghid illi jahseb illi ilu ma jinzel minn 2008 u mbaghad innega li kien qal id-diskors kontenut fl-istqarrija rigwardanti l-imputat. Li x-xhud ma kienx veritier f'din ix-xhieda huwa ferm evidenti mill-mod kif xehed, mhux biss ghaliex kien reticenti kif inghad, izda wkoll ghaliex baqa' jinsisti li huwa lanqas jaf jew jiftakar li deher quddiem il-Magistrat Inkwirenti (u dan wara li fil-bidu tax-xhieda tieghu jikkonferma li huwa kien ikkonferma l-istqarrija tieghu bil-gurament quddiem Magistrat[21], ghalkemm jghid illi ma jafx x'kien qal fis-sena 2009), li dak li gie mnizzel fl-istqarrija rigward l-imputat ma ntqalx minnu u li fil-waqt illi gharaf numru ta' firem fuq l-istess stqarrija, cahad li wahda minnhom kienet tieghu. Anke l-Qorti kif diversament preseduta hasset li kellha tirrimarka

[21] A fol. 35 tal-process.

lix-xhud li ma kinitx qeghda temmnu[22] u mit-traskrizzjoni tax-xhieda, jidher ferm evidenti li l-Qorti kellha kull ragun li taghmel din ir-rimarka. Il-Qorti tinnota wkoll illi fix-xhieda tieghu, waqt il-qari tal-istqarrija, l-ewwel darba li l-xhud innega dak li qal fl-istqarrija kien ezattament kif inqratlu l-parti rigwardanti l-messagg fuq il-*mobile* tieghu minghand ic-'Comba', u dan wara li kienet diga` nqratlu l-parti dwar l-imputat, izda dak il-hin ma kkummenta xejn. Kien biss wara mbaghad, meta l-Qorti staqsietu ghat-tieni darba jekk kienx hemm xi parti li ma kienx qed jikkonfermaha, li huwa qal li ma kienx minnu li qal dak id-diskors dwar l-imputat.

Issa ghalkemm ma jirrizultawx ezattament ic-cirkostanzi li fihom Vella kien irilaxxja stqarrija f'Settembru tas-sena 2009, hlief li huwa gie arrestat in konnessjoni ma' pussess u traffikar ta' droga – u dan qed jinghad ukoll ghaliex mill-istqarrija tieghu ma jirrizultax per ezempju li kienet instabet xi droga fil-pussess tieghu – biss f'dik l-istqarrija, Vella ma qghad lura xejn milli jirrispondi d-domandi li saru lilu mill-Ufficjal Investigatur. Dan qed jinghad b'mod partikolari wkoll ghal dawk id-domandi li sarulu dwar il-vizzju tieghu, dwar x'tip ta' droga kien jabbuza minnha, kemm kien ilu jabbuza mid-droga, il-kwantita` li kien ipejjep, jekk qatt abbuzax droga ohra apparti l-*cannabis* u sahansitra, anke meta mistoqsi dwar il-messaggi fil-*mobile* tieghu u dwar jekk bieghx jew qasam *joints* ma' haddiehor, wiegeb ukoll fl-affermattiv fis-sens li gieli qasam *joint*. Huwa evidenti ghalhekk illi x-xhud wiegeb id-domandi kollha li sarulu u ma ddejjaqx iwiegeb ukoll ghal dawk id-domandi li bihom inkrimina ruhu. In oltre il-Qorti tinnota wkoll illi x-xhud kien jaf hafna dettalji dwar l-imputat odjern – ossia l-laqam tieghu, l-eta` tieghu, fejn kien joqghod, l-ghamla tal-vettura tieghu, li kellu t-tpingijiet u l-posizzjoni taghhom u n-numru tal-*mobile* tieghu. Li wiehed ikun jaf dawn id-dettalji dwar persuna ghaliex kienu hbieb fiz-zmien tal-kaz – u skond ix-xhud kienu saru hbieb gewwa Birzebbugia – jaghmel izjed sens u huwa izjed verosimili minn dak li jghid l-imputat fix-xhieda tieghu, illi huwa kien sar jaf lil Vella sempliciment fuq il-post tax-xoghol. Ix-xhud Vella, imbaghad, ma kellux ghalfejn joqghod jghid illi f'okkazzjoni wahda kien sniffja gramma kokaina, meta mistoqsi dwar xi tip ta' droga ohra li kien jiehu, ghaliex ma jidhirx u ma jirrizultax mill-istess stqarrija li kien instab fil-pussess ta' tali droga, kif wara kollox lanqas ma jirrizulta minn din l-istqarrija li kien instab fil-pussess tar-raza tal-*cannabis*. Jidher ukoll mill-atti tal-process verbal illi l-istess Vella kien gie arrestat dakinhar stess li rrilaxxja l-istqarrija tieghu u ghalhekk dak li ntqal minnu fl-istqarrija tieghu, intqal proprju *a tempo vergine* wara li gie arrestat, apparti li dan huwa kkonfermah bil-gurament jumejn wara quddiem il-Magistrat Inkwirenti.

---

[22] A fol. 44 tal-process.

Imbaghad, fir-rigward tal-istqarrija tal-imputat, il-Qorti tqis ukoll in-nuqqas ta' kredibilita` tal-istess imputat u li xi whud mir-risposti tieghu f'din l-istqarrija, certament li m'humiex verosimili jew attendibbli. Fl-ewwel lok, dwar il-messaggi li nstabu fil-*mobile* tieghu lil certu 'Kalos', ghall-ewwel l-imputat jghid b'referenza ghal 'Kalos' li jaf wiehed ghadu tifel, izda mbaghad jghid li ma jafux. Fit-tieni lok, l-imputat jghid illi ma kienx hu li baghat il-messagg lil 'Kalos', izda jahseb li baghtu haddiehor, li gieli jaghti l-*mobile* tieghu lin-nies biex icemplu u jibaghtu l-messaggi, u li jekk hemm xi kuntatt ma' 'Kalos' mill-*mobile* tieghu, cempillu haddiehor, izda mhux hu. Dwar dan il-Qorti tinnota illi mir-relazzjoni tal-espert Dr. Martin Bajada[23] jirrizulta fl-ewwel lok, illi fil-*Phone Book Contents* tal-*mobile* Nokia li nstab fil-pussess tal-imputat, hemm imnizzel dan 'Kalos' bin-numru hdejh.[24] Mill-*Calls Counter* fuq l-istess *mobile*, imbaghad, tirrizulta *missed call* minghand dan 'Kalos' fit-23 ta' Mejju fil-17.05 meta l-imputat allura kien jinsab arrestat, *received call* minghandu wkoll fil-21 ta' Mejju fid-21.00 u *dialled call* lill-istess 'Kalos' fl-istess jum fid-20.52. Dan apparti sitt messaggi lil jew minghand dan 'Kalos' – wiehed mibghut fid-19 ta' Mejju 2010, tlieta ricevuti fl-20 ta' Mejju 2010 (wiehed filghodu u tnejn filghaxija) u iehor mibghut fl-istess data filghaxija u messagg iehor mibghut fil-21 ta' Mejju 2010. Jidher ghalhekk illi kien ta' spiss isir kuntatt mill-*mobile* tal-imputat ma' dan 'Kalos' u l-verzjoni tal-imputat f'dawn ic-cirkostanzi certament illi m'hijiex wahda kredibbli jew verosimili.

Il-Qorti tinnota wkoll kif meta mistoqsi dwar il-kantunieri tal-plastik u ghalfejn dawn kienu qeghdin ghandu, l-imputat jghid sempliciment '*ma nafx*'. Dwar pakkett partikolari, imbaghad jghid illi din kienet imcappsa bil-medicina tas-serduk, li jixtriha f'borza, f'forma ta' trab. Dwar il-pakketti u l-boroz tal-*plastic* fil-kamra tieghu, l-imputat la jghid xejn in ezami u lanqas jigi mistoqsi dwar dan in kontro-ezami. Il-Qorti rat hija stess dawn il-boroz/pakketti tal-plastik, il-kantunieri tal-boroz tal-plastik u l-boroz tal-plastik bil-kantunieri maqtughin li nstabu fil-kamra tal-imputat. Fil-fatt dawn kienu jikkonsistu f'numru kbir ta' boroz/pakketti zghar tal-plastik tat-tip *self-sealing*, ilkoll mhux uzati, hlief ghal wiehed li kien fih xi ticpis jew frak kannella, zewg kantunieri tal-plastik li jidhru vojta u mhux uzati u kantuniera ohra, ta' daqs ikbar li tidher imkabra u wzata. Skond it-*tag*, dawn instabu flimkien mal-*baking powder* fil-kexxun tal-*unit* tat-televixin fil-kamra tal-imputat. Imbaghad, instabu wkoll, fid-*dustbin* tal-kamra tal-imputat, diversi boroz

[23] A fol. 52 *et seq* tal-process.
[24] A fol. 58 tal-process.

tal-plastik biz-zewg kantunieri nieqsa u borza ohra tal-*plastic* bhal borza ta' barra ta' pakkett tas-sigaretti, b'xi tracci fiha.

Il-Qorti tqis is-sejba ta' dawn il-boroz bhala fattur ferm sinjifikanti. Fl-ewwel lok, il-Qorti tinnota illi ghalkemm instabu diversi boroz minghajr kantunieri fid-*dustbin* tal-imputat, kull ma nstabu kienu zewg kantunieri, apparti wahda ta' daqs ikbar. Fit-tieni lok, l-espert Godwin Sammut jghid illi borza wahda biss giet *swabbed* u f'din instabet is-sustanza kokaina. Fil-fatt kif inghad, il-boroz kollha jidhru vojta u mhux uzati jew godda, hlief ghal tlieta li semmiet il-Qorti izjed 'il fuq. Il-Qorti tqis illi huwa ferm sinjifikanti wkoll kif l-imputat instab fil-pussess ta' tracci tas-sustanza kokaina, meta x-xhud Vella jghid illi kienet proprju din is-sustanza li kien xtara minghand l-imputat odjern. Is-sejba ta' numru konsiderevoli ta' boroz tal-plastik, kemm dawk tat-tip *self-sealing*, kif ukoll bil-kantunieri neqsin u anke kantunieri, fil-fehma tal-Qorti, ukoll tkompli tikkorrobora x-xhieda ta' Vella, ghalkemm din is-sejba saret ftit izjed minn tmien xhur wara l-istqarrija rilaxxjata minn Vella, ghaliex huwa risaput illi d-droga kokaina tinbiegh jew f'pakketti tat-tip *self-sealing* jew inkella f'kantunieri tal-boroz tal-plastik. L-imputat ma kellux biss tip wiehed minn dawn il-boroz, izda ben zewg tipi. U ghalkemm fir-rigward ta' pakkett wiehed tal-plastik jghid li dan kien imcappas bil-medicina tas-serduk, fir-rigward tal-kantunieri tal-plastik, wiegeb sempliciment li ma kienx jaf ghala kienu ghandu.

In oltre, il-Qorti tinnota wkoll illi flimkien ma' dawn il-boroz, fil-kamra tal-imputat instab ukoll bott *baking powder*. Meta mistoqsi dwar dan fl-istqarrija tieghu, l-imputat jghid illi dan ma kienx jaf bih, mentri fix-xhieda tieghu mbaghad jghid illi kienu t-tfal li dahhluh fil-kamra tieghu u li dan kien jintuza mill-gharusa tieghu biex taghmel il-kejkijiet. Anke f'dan ir-rigward, il-Qorti ma tqisx lill-imputat kredibbli ghaliex m'huwiex verosimili illi l-imputat ma kienx jaf b'dan il-bott li kien jinsab fil-kamra tieghu u imbaghad, kien biss zmien wara, fix-xhieda tieghu, li jghid illi dan kienu poggewh hemm it-tfal. Il-Qorti tinnota illi dan il-bott instab flimkien mad-diversi boroz tal-plastik f'kexxun fil-kamra tal-imputat, meta huwa risaput ukoll illi *baking powder* jista' jintuza bhala *cutting agent* mad-droga kokaina, sabiex izid fil-piz tad-droga. Ghaldaqstant, il-Qorti tqis illi din hija cirkostanza ohra li tkompli tikkorrobora l-verzjoni ta' Vella.

Il-Qorti kkunsidrat ukoll ix-xhieda tal-imputat fis-sens illi Vella rrilaxxja stqarrija fil-konfront tieghu ghaliex ried ipattihielu, meta haseb illi huwa kien tkecca mill-impjieg tieghu ghaliex l-imputat kien qal xi haga lill-imghallem. Dwar dan fl-ewwel lok, il-Qorti tinnota illi ghalkemm fix-xhieda tieghu, l-imputat jghid illi fiz-zmien ta' dan il-kaz, huwa kien jaghmel xoghol tal-gebel ma' kuntrattur, fl-

istqarrija tieghu, l-imputat imkien ma jghid illi huwa kien jahdem f'dan ix-xoghol, izda jghid biss illi kien jahdem bhala sajjied fuq il-bahar. Fit-tieni lok, huwa jghid ukoll fix-xhieda tieghu, illi dawn il-problemi ma' Vella sehhew l-izjed xi xahar u nofs qabel huwa (u cioe` l-imputat) gie arrestat mill-pulizija u ghalhekk la darba huwa gie arrestat f'Mejju 2010, huwa kien qieghed jirreferi ghall-habta ta' Marzu 2010. Biss Vella irrilaxxja l-istqarrija tieghu f'Settembru 2009 u ghalhekk xi tmien xhur qabel gie arrestat l-imputat, meta allura skond ix-xhieda tal-imputat, ma kienx ghad hemm dawn il-problemi bejniethom. In oltre, il-Qorti tinnota wkoll illi l-imputat ma ressaq l-ebda prova li b'xi mod tista' tikkorrobora dak li jghid ossia li xi habib tieghu kien qallu li Vella haseb li kien tort tieghu (tal-imputat) li kien gie mkecci mix-xoghol. Veru illi l-imputat ma huwa tenut li jipprova xejn, izda min jallega jrid jipprova u fil-kaz tal-imputat, dan kellu jaghmlu imqar sal-grad tal-probabbli. Apparti l-kunsiderazzjonijiet ta' din il-Qorti izjed 'il fuq f'dan il-paragrafu, li diga` jwassluha sabiex ma tqisx l-imputat kredibbli f'dan ir-rigward, l-imputat ma gab l-ebda prova – lanqas sal-grad tal-probabbli – in sostenn ta' dan. Facli li wiehed jitla' jixhed u jghid illi xhud irrilaxxja stqarrija fil-konfront tieghu ghaliex ried ipattihielu, minghajr ma jipprovdi l-icken prova dwar dan, lanqas *del resto* f'dan il-kaz, illi hu u Vella kienu jahdmu flimkien jew li huwa kien jaghmel xi xoghol ma' kuntrattur, meta kif inghad, fl-istqarrija tieghu, jsemmi biss illi kien jaghmel xoghol tas-sajd. Id-difiza in oltre lanqas m'ghamlet xi domandi lil Vella, in kontro-ezami, sabiex tistabilixxi li dawn kienu jahdmu flimkien, kif jallega l-imputat, apparti li Vella jghid illi huwa sar jaf lill-imputat minn Birzebbugia, fejn kienu jirrisjedu kemm l-imputat, kif ukoll Vella u fejn kienu saru hbieb.

Tenut kont ta' dawn ic-cirkostanzi kollha, il-Qorti temmen illi l-istqarrija rilaxxjata minn Vella u kkonfermatha minnu bil-gurament ghandha mis-sewwa u li l-imputat kien effettivament biegh lil Vella gramma kokaina f'Awwissu tas-sena 2009.

Ghaldaqstant, il-Qorti tqis illi l-Prosekuzzjoni rnexxielha tipprova l-ewwel imputazzjoni migjuba kontra l-imputat fil-grad rikjest mil-ligi.

Permezz tat-tieni u t-tielet imputazzjonijiet l-imputat gie akkuzat talli kellu fil-pussess tieghu r-raza mehuda mill-pjanta tal-*cannabis* u l-pjanta tal-*cannabis* kollha jew bicca minnha u dan b'referenza ghal xi zmien matul is-sena 2009.

Dwar dan, kif inghad izjed 'il fuq, fl-istqarrija tieghu, meta gie ssuggerit lilu illi xi sena qabel kien pejjep *joint*, huwa ghazel li ma jwegibx kif kellu kull dritt li jaghmel. Fix-xhieda tieghu, imbaghad, jghid illi huwa minnu illi f'xi zmien gieli pejjep xi *joint*. Mir-relazzjoni tax-Xjenzat Godwin Sammut, ma jirrizultax illi l-imputat kellu fil-pussess tieghu xi *cannabis*. Ghalhekk minn dan, la jirrizulta z-

zmien meta l-imputat kien pejjep xi *joint* u lanqas x'*joint* kien pejjep ossia jekk kienx pejjep *joint* bir-raza tal-*cannabis* jew inkella bil-pjanta tal-*cannabis* u jidher illi kien proprju ghal din ir-raguni li l-imputat gie akkuzat b'zewg imputazzjonijiet ossia kemm bil-pussess tar-raza tal-*cannabis*, kif ukoll bil-pussess tal-pjanta tal-*cannabis*, ghaliex fl-istadju tal-investigazzjoni ma kienx irrizulta car mil-liema tip ta' *cannabis* kien abbuza l-imputat. Stante illi l-ligi taghmel distinzjoni cara bejn il-pussess tar-raza u l-pussess tal-pjanta, tant illi titrattahom f'zewg artikoli separati – l-artikoli 8(a) u (d) tal-Kap. 101 - il-Qorti ma tistax sempliciment issib lill-imputat hati ta' imputazzjoni wahda ad eskluzjoni tal-ohra jew taz-zewg imputazzjonijiet.

Ghaldaqstant, il-Qorti tqis illi t-tieni u t-tielet imputazzjonijiet ma gewx sodisfacentement ippruvati fil-grad rikjest mil-ligi.

Fir-rigward tar-raba' imputazzjoni, imbaghad, l-imputat gie akkuzat bil-pussess semplici tad-droga kokaina u dan b'referenza ghal Mejju tas-sena 2010 u x-xhur ta' qabel din id-data. Stante illi jirrizulta car mir-relazzjoni tal-espert ix-Xjenzat Godwin Sammut illi nstabet is-sustanza kokaina f'wahda mill-boroz li kienet fil-pussess tal-imputat, il-Qorti tqis illi din l-imputazzjoni giet sodisfacentement ippruvata fil-grad rikjest mil-ligi.

**<u>Kunsiderazzjonijiet dwar il-Piena</u>**

Ghal fini ta' piena, il-Qorti qeghda tqis il-fedina penali tal-imputat fiz-zmien tar-reati odjerni, liema fedina penali kienet tikkonsisti f'kundanna dwar reati taht il-Kap. 65 u 104 tal-Ligijiet ta' Malta u sejbien ta' htija dwar serq aggravat u hsara volontarja, dwar liema l-imputat inghata liberazzjoni kundizzjonata.

Qieset ukoll illi f'dan il-kaz, in kwantu jirrigwarda l-ewwel imputazzjoni, din tirreferi ghas-sena 2009 u jirrizulta illi matul din is-sena, ossia f'Awwissu 2009, l-imputat biegh gramma kokaina bil-prezz ta' €70 lix-xhud Vella.

Fir-rigward tar-raba' imputazzjoni, imbaghad, il-Qorti qeghda tapplika d-disposizzjonijiet tal-Kap. 537 tal-Ligijiet ta' Malta.

**Konkluzjoni**

Ghal dawn il-motivi, il-Qorti wara li rat it-Taqsimiet IV u VI, l-Artikoli 22(1)(a) u 22(2)(b)(i) tal-Kap. 101 tal-Ligijiet ta' Malta, ir-Regolamenti 4 u 9 tal-Legislazzjoni Sussidjarja 101.02, l-Artikolu 4(1) tal-Kap. 537 tal-Ligijiet ta' Malta

u l-Artikolu 17(f) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta, qed issib lill-imputat mhux hati tat-tieni u tat-tielet imputazzjonijiet migjuba kontra tieghu u qeghda tilliberah minnhom, fil-waqt illi qed issibu hati tal-ewwel u tar-raba' imputazzjonijiet u qed tikkundannah fir-rigward tal-ewwel imputazzjoni, ghall-piena ta' **disa' (9) xhur prigunerija effettiva** u **multa ta' tminn mitt Euro (€800)** li, bl-applikazzjoni tal-Artikolu 14(2) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta, tista' tithallas mill-hati b'rati mensili u konsekuttivi ta' hamsin Euro (€50), bl-ewwel pagament isir fi zmien xahar minn meta l-hati jiskonta l-piena ta' prigunerija li qeghda tigi erogata b'din is-sentenza u ghal dan il-ghan ir-Registratur ghandu jikkonferma din id-data mal-awtoritajiet tal-habs. B'dan illi jekk il-hati jonqos milli jhallas pagament wiehed, il-bilanc jigi dovut minnufih u jigi konvertit fi prigunerija skond il-ligi.

Fir-rigward tar-raba' imputazzjoni, bl-applikazzjoni tal-Artikolu 4(1) tal-Kap. 537 u tal-Artikolu 17(f) tal-Kap. 9, qed tikkundanna lill-hati ghall-**penali ta' hamsin Euro (€50)**.

Ai termini tal-Artikolu 533(1) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta, il-Qorti qeghda tordna lill-hati sabiex ihallas l-ispejjez konnessi mal-hatra tal-esperti f'dawn il-proceduri, ossia l-ispejjez relatati mar-relazzjoni tal-espert ix-Xjenzat Godwin Sammut, ammontanti ghas-somma ta' mija, tnejn u sebghin Euro u erba' centezmi (€172.04) u l-ispejjez konnessi mar-relazzjoni tal-espert Dr. Martin Bajada, ammontanti ghas-somma ta' tliet mija, disgha u sebghin Euro u tnejn u sittin centezmu (€379.62). B'kollox ghalhekk dawn l-ispejjez jammontaw ghas-somma ta' hames mija, wiehed u hamsin Euro u sitta u sittin centezmu (€551.66), liema somma ghandha tithallas mill-hati fi zmien tliet (3) xhur mil-lum. Kemm il-darba l-hati jonqos li jhallas din is-somma fiz-zmien lilu preskritt, tali somma jew kwalsiasi bilanc dovut minnha jigi konvertit fi prigunerija skond il-ligi.

Tordna d-distruzzjoni tal-oggetti kollha esebiti bhala Dok. JF, hlief ghaz-zewg *mobile phones* formanti parti mill-istess dokument, hekk kif din is-sentenza tghaddi in gudikat u dan taht il-harsien tar-Registratur li ghandu jirredigi process verbal li jiddokumenta l-procedura tad-distruzzjoni, liema dokument ghandu jigi nserit fl-atti ta' din il-kawza mhux aktar tard minn hmistax-il jum minn tali distruzzjoni.

Stante illi minkejja messagg suspettuz fuq il-*mobile* Nokia tal-imputat, ma jirrizultax illi l-*mobiles* esebiti intuzaw minnu sabiex tigi traffikata d-droga fiz-zmien li ghalih tirreferi l-ewwel imputazzjoni, qed tordna r-rilaxx taz-zewg *mobiles* formanti parti minn Dokument JF, favur il-hati.

Tordna wkoll lill-Kummissarju tal-Pulizija sabiex jinvestiga lil Tarquin Vella in konnessjoni mar-reat ikkontemplat fl-Artikolu 104 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta u ghal dan il-ghan, tordna li kopja ta' din is-sentenza tintbaghat lill-Kummissarju tal-Pulizija.

Natasha Galea Sciberras
Magistrat